MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Appell Kriminali Numru. 372/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Elton Taliana)**
**Vs**
**Emanuel Sammut**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala
Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer :-
1. nhar it-28 ta’ Settembru, 2008, ghall-habta tal-hamsa w kwart ta’ wara nofs in-nhar (17:15hrs), naqas milli jieqaf u jaghti l-isem, l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-detalji ta’ l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew in-numru tar-registrazzjoni tal-vettura meta kien involut f’incident b’vettura bil-mutur fi Triq, f’Birkirakara li kien jinvolvi offiza fuq persuna ohra;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, gewwa Triq Dun Karm, B’Kara involontarjament ikkaguna feriti ta’ natura

hafifa fuq il-persuna ta’ Eleno Zarb minn Birkirkara hekk kif iccertifika Dr.Konrad Borg M.D mill-Isptar Mater Dei;
3. fl-istess data, hin, lok u cirikostanzi, kkommetta hsara involontarja fuq vettura tal-ghamla Maruti bin-numru tar-registrazzjoni MAR212 ghad-dannu ta’ Eleno Zarb minn Birkirkara, liema hsara tammonta ghall-valur ta’ elfejn hames mija w tnejn u sittin Ewro (€2562);
4. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, saq il-vettura ta’ l-ghamla Mitsubishi b’numru ta’ registrazzjoni GBB 619 b’manjiera traksurata, negligenti w perikoluza;
5. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, waqt li kien qieghed joqrob lejn roundabout tat-traffiku, ma halliex tghaddi l-vettura li kienet diga’ qed iddur ma’ dik ir-roundabout;
6. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jinsab fis-sakra b’mod li ma kienx jista’ jiehu hsieb tieghu nnifsu’ jew f’lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien jidher bic-car fis-sakra li jkollu l-hsieb ta’ xi vettura;(Sic!)
7. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma rregolari (harpoon) u strument li jaqta’ w bil-ponta (sikkina) minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
8. fis-29 ta’ Settembru, 2008 ghall-habta tat-tlieta w hamsa ta’ filghodu (03:05hrs), gewwa l-ghassa tal-Pulizija ta’ San Giljan, iddenunzja rapport lill-Pulizija esekuttiva reat li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
9. finalment talli huwa sar recidiv ai termini ta’ l-artikolu 49 u 50 tal-kapitolu 9 tal-Kodici Kriminali, meta huwa kien gie misjub hati w ikkundannat ghall-reat, b’sentenzi ta’ Qrati Maltin, liema sentenzi saru defenittivi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali
tat-12 t’Ottubru, 2009, li biha, wara li rat l-Artikoli 49, 50, 110(20, 226(1)(c) u 328(d)
tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet, l-artikolu
6 tal-Kapitolu 480, kif ukoll ir-Regolamenti 67 u 82 ta’ l-Avviz Legali 128 tas-sena

1994, ma sabitx lil-appellant hati tas-sitt u tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal dak predispost fit-tieni parti tal-artikolu 110(2) u cioe' r-reat tas-simulazzjoni indiretta w illiberatu minnhom, izda sabitu hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba', l-hames, is-sebgha w id-disgha imputazzjoni w tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal dak predispost fl-ewwel parti ta' l-artikolu 110(2) u cioe' r-reat tas-simulazzjoni diretta w taghhom ikkundannatu erbgha (4) xhur prigunerija w multa ta' mitejn Euro (€200) li ghandha tithallas fi zmien sitt (6) xhur. Inoltre, l-appellant gie skwalifikat minn kull licenzja ta' sewqan ghal perjodu ta' tmien (8) xhur.
Il-Qorti ordnat ukoll il-konfiska tal-harpoon u sikkina esebiti w li l-appellant ihallas lir-Registratur ta' din il-Qorti s-somma ta' elfejn mija hamsa w disghin Euro w sebgha centezmi (€2195.07) rapprezentanti spejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti; l-hlas ghandu jsir fi zmien sena.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-21 t'Ottubru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha fl-ewwel lok tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant mhux hati tas-sitt imputazzjoni w tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal dak predispost fit-tieni parti ta' l-artikolu 110(2) u cioe' r-reat tas-simulazzjoni indiretta, w tikkonfermaha wkoll fejn wara li rat l-artikoli 49, 50, 110(2), 226(1)(c) u 338(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480, kif ukoll ir-Regolamenti 67 u 82 ta' l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994, sabet lill-appellant hati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', l-hames, is-sebgha w d-disgha imputazzjoni w tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal dak predispost fl-ewwel parti ta' l-artikolu 110(2) u cioe' r-reat tas-simulazzjoni diretta w tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-appellant gie kkundannat erbgha (4) xhur prigunerija w multa ta' mitejn Euro (€200) u fejn gie skwalifikat minn kull licenzja ta' sewqan ghal perjodu ta' tmien (8) xhur u minflok taghti piena aktar miti, xierqa, gusta w proporzjonata ghal kaz konkret fil-konfront tal-appellant.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-verbal li bih il-Prosekutur eccepixxa in-nullita' tar-rikors tal-appell ghaliex ma ntalbitx ir-riforma tas-sentenza appellata kif kellu jsir skond l-artikolu 419 (1)(C ) tal-Kodici Kriminali f' dan il-kaz.

Rat li l-appellant irrimetta ruhu.

Ikkonsidrat ;

Illi l-appellant kien gie akkuzat bi tmin imputazzjonijiet u bl-addebitu tar-recidiva. Hu ma nstabx hati ta' uhud mill-akkuzi u nstab hati ta' ohrajn. Illi fir-raba paragrafu tar-rikors tal-appell tieghu l-appellant iddikjara li l-aggravju tieghu *"hu cirkoskritt limitatament ghall-piena erogata w inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti u cioe' l-kundanna ghall-piena karcerarja ta' erba (4) xhur prigunerija u multa ta' mitejn Euro (€200, l-iskwalifika minn kull licenzja tas-sewqan ghall-periodu ta' tmin (8) xhur…"*

*Di fatti fl-ahhar paragrafu tar-rikors tieghu hu talab li din il-Qorti :-*

*"fl-ewwel lok tikkonferma s-sentenza ….f' dik il-parti fejn sabet lill-… appellant, mhux hati tas-sitt imputazzjoni u tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirriferi ghal dak predispost fit-tieni parti ta' l-artikolu 110(2) u cioe' r-reat ta' simulazzjoni indiretta ….u tikkonfermaha wkoll fejn sabet lill-imputat hati ta l-ewwel, it-tieni, t-tielet, ir-raba', l-hames, is-sebgha u d-disa' imputazzjoni u tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirriferi ghal dak predispost fl-ewwel parti tal-artikolu 110(2) u cioe' r-reat ta' simulazzjoni diretta w tirrevokaha f' dik il-parti fejn l-… appellant, gie kundannat erbgha (4) xhur prigunerija u multa ta' mitejn Euro (€200) u fejn gie skwalifikat minn kull licenzja ta' sewqan ghal periodu ta' tmin (8) xhur u minnflok taghti piena aktar miti, xierqa, gusta u proporzjonata ghall-kaz konkret fil-konfront tal-…appellant."*

Illi skond l-artikolu 419 (1)(c) tal-Kodici Kriminali r-rikors tal-appell ghandu jinkludi *ad validitatem* talba ghat-thassir **JEW** ghat-tibdil tas-sentenza appellata skond il-kaz li jkun.

Illi f'dan il-kaz l-appellant qed jappella biss mill-piena moghtija fis-sentenza appellata w ghalhekk kien il-kaz li t-talba tkun formulata bil-mod kif gej u cioe' :-
**<u>fl-ewwel lok jitlob ir-riforma</u>** tas-sentenza appellata mbaghad jispjega kif u cioe' billi s-sentenza tigi konfermata fil-parti fejn sabet il-htija w fejn ma sabitx htija u revokata in kwantu erogat il-piena ta' prigunerija, multa w sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-appellant. (ara f' dan is-sens l-appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Joseph Ignatius Fenech"** [1.11.2007]; **"Il-Pulizija vs. Mario Attard"** [12.3.2009]; **"Il-Pulizija vs. Kevin Mamo"** [18.6.2009] u ohrajn)

Illi hemm lista formidabbli ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn dejjem giet dikjarata in-nullita' tal-appell - liema nullita' hija **sollevabbli "ex officio**" - ghaliex dejjem gie ritenut li, meta talba kellha tkun dik ta' riforma jew varjazzjoni tas-sentenza, izda, minnflok tintalab ir-revoka taghha, dan igib bhala konsegwenza li ma jkunx gie osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali , b'mod ghalhekk li l-istess rikors tal-appell ikun null . (App. Krim. **Pul. vs. Mario Camilleri"** –[3.12.2001]; **Il-Pulizija vs. Joe Borg** [21.7.1995] u ohrajn ).

Illi din il-Qorti diversament preseduta dahlet funditus f'din il-kwistjoni fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Galea** [ 30.6.1995]) Per V. De Gaetano J. fejn gie ritenut li :-

"minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita' ta' appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :-

(a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1) , cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir **jew** ghat-tibdil tas-sentenza , giet "*very strictly and rigidly interpreted*" - **"The Police vs. John Hill"**, Criminal Appeal, [23.9.1972]."
Issa fil-kaz odjern hu ovvju li l-appellant suppost li preordinatament talab ir-<u>riforma</u> jew it-<u>tibdil</u> tas-sentenza appellata gjaladarba hu kien qed jitlob konferma tas-

sentenza dwar il-mertu w biss revoka tal-piena w sanzjonijiet ohra kontenuti fis-sentenza.

Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ghandha tintalab ir-revoka **JEW** ir-riforma w fil-fatt hekk tghid il-ligi fl-artikolu fuq citat. F' dan il-kaz mhux hekk sar kif fuq intqal u ntalbet konferma ta' parti w revoka ta' parti ohra tas-sentenza bla ma qabel u preordinatament saret it-talba mandatorja ghar-riforma taghha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddikjara l-appell null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------